MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2012

Numru. 1100/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Kevin Camilleri ta' 30 sena bin Joseph u Esther nee` Falzon imwieled Pieta` fil-5 t'Awissu 1982 u joqghod 32 Triq Santa Rita Sliema detentur tal-karta tal-identita bin-numru 422582M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat:

Talli nhar il-21 ta' Ottubru 2012 f'xi hinijiet filghodu u/jew hinijiet qabel waqt li kien fi Triq is-Sejba Punika Fgura u/jew f'dawn il-gzejjer ikkommetta serq ta' ghodda ghal valur ta' madwar 500 ewro minn vettura tal-ghamla Subaru E10 numru tar-registrazzjoni BAP601 ghad-detriment ta' Daniel Camilleri minn Haz-Zabbar liema serq

hu aggravat bil-valur li ma jeccedix 2329.37 ewro, lok, mezz, u bix-xorta tal-haga misruqa.

U kif ukoll fl-istess cirkostanzi ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' hsara fl-imsemmija vettura ghamla Subaru E10 numru ta' registrazzjoni BAP601, liema hsara taccedi 116.47 euro izda ma taccedix 1.164.69 euro u dan sar ghad-detriment ta' l-imsemmi Daniel Camilleri mill-Fgura u/jew persuni ohra.

U aktar talli kiser provediment ta' l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati Malta (Magistrat Dr. A. Mizzi LL.D) nhar is 26 ta' April, 2011.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-koperazzjoni tal-imputat fil-kors tal-investigazzjonijiet, ir-resfurtiva giet irkuprata u l-fatt illi l-imputat les li jikkumpensa lil vittma ghad-danni. Il-Qorti kif preseduta tistqarr illi b'dispjacir qed terga' tara lill-imputat b'akkuzi godda quddiemha. Madankollu billi l-imputat

huwa recediv u kiser il-provediment ta' sentenzi ohra ta' dawn il-Qrati, ma ghandhiex ghazla hlief li timponi piena karcerarja effettiva.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 261(c)(e)(b)(g), 267, 263, 271, 269, 278(2), 325(1)(b), 17(h), 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sitt (6) xhur prigunerija.

Inoltre wara li rat l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tittratta mal-hati dwar is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-26 ta' April 2011 u wara li rat l-artikolu 261(c)(b)(g), 267, 263, 271, 278 (2), 325, 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat ghal hames (5) xhur prigunerija ohra biex b'hekk il-hati ghandu jiskonta l-piena ta' hdax (11) il-xahar prigunerija.

Il-Qorti taghmel rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin li l-imputat jinghata l-ghajnuna kollha li ghandu bzonn ghall-problema li ghandu.

Il-Qorti tikkundanna lil hati ihallas lil parte leza Daniel Camilleri s-somma ta' mija u tletin euro (€130) fi zmien sitt (6) xhur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------